MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 257/2006/1

**Romina Xerri f'isimha proprio u b'digriet tad-9 ta' Awwissu 2006 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* f'isem binha A.B.**

**v.**

**Elvin Magri**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors guramentat tal-4 ta' Awwissu 2006 li jghid hekk:

"1. Illi l-attriċi twilditilha tarbija bl-isem ta' A.B. minn relazzjoni li kellha mal-konvenut Elvin Magri, liema tarbija twieldet fis-7 ta' Marzu tas-sena 2004, u bil-karta ta' l-identita` numru 95704L, u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid immarkat Dok. A.

"2. Illi permezz ta' kuntratt pubbliku l-konvenut irrikonoxxa lill-minuri A.B. bħala ibnu, u dan kif jirriżulta mill-anness kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana datat 8 ta' Marzu, 2006 u mmarkat Dok. B.

"3. Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmi ibnu minuri iżda li jħallas kull manteniment minnu dovut mhux biss għall-futur iżda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri, u dan *in linea* mal-prinċipju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Diċembru, 1974 fl-ismijiet **Filippu Grech vs Antonia Magri** (XXXII.I.468).

"4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx, u dan kif jirriżulta mill-anness digriet immarkat Dok. C.

"Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:

"1. Tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata *in linea* ta' manteniment għat-tifel minuri A.B. okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma għandha tirrifletti dak li kien ikollu jħallas il-konvenut sal-lum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u oħra ġjornaljiera, u cioe` '*per diem*' *in linea* ta' manteniment futur għall-imsemmi minuri Dean, bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi.

"Bl-ispejjeż, u bil-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut tat-8 ta' Jannar 2007 li in forza taghha eccepixxa illi;

"1. Illi preliminarjament, il-lista tax-xhieda mehmuża mar-Rikors Ġuramentat odjern hija nulla, u għalhekk

għandha tiġi sfilzata, u dan *stante* li ma tirispekkjax id-dettami mandatorji riġidi ta' l-Artiklu 156 (4) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li huwa l-każ li l-attriċi għandha tara kif ser tirregola ruħha f'dan ir-rigward;

"2. Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, u dan *stante* illi fl-ewwel lok, it-talba attriċi in kwantu għall-manteniment passat hija legalment improponibbli;

"3. Illi l-attriċi rrinunzjat għall-manteniment passat meta hija nfurmat espressament lill-eċċipjenti li ma riditx ħlas ta' manteniment għall-minuri A.B. mingħandu, basta li l-minuri *de quo* jibqa' reġistrat fuq isimha biss, u l-veraċita` ta' din l-eċċezzjoni hija riflessa fil-fatt li ma kinux ittieħdu ebda proċeduri, sew jekk kriminali, sew jekk ċivili dak iż-żmien kontra l-eċċipjenti;

"4. Illi l-eċċipjenti, madanakollu, qabel ma nbdew dawn il-proċeduri, kien diġa` *di sua sponte* issomministra lill-attriċi s-somma komplessiva ta' Lm900 *in linea* ta' manteniment għall-minuri *de quo*, u li l-ħlas ta' dina s-somma hija ammessa mill-attriċi, kif jirriżulta mid-Dok. C esebita minnha, u għaldaqstant ma tistax tippretendi flus ulterjuri għall-passat mingħajr ma kien hemm ftehim jew Digriet sanċit minn dina l-Onorabbli Qorti viġenti għal dak il-perjodu;

"5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi trid tiġġustifika kwalunkwe ammont li hija tippretendi *in linea* ta' manteniment kemm passat u futur għall-minuri *de quo*, sabiex tista' ssir kalkolazzjoni ekwa ta' kemm il-partijiet għandhom joħorġu t-tnejn għall-minuri *de quo*;

"6. Illi l-esponenti jinsab preżentement marbut b'Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-1 ta' Diċembru, 2006 li, minkejja d-diffikultajiet finanzjarji tiegħu, huwa dispost li jibqa' jobdi *pendente lite*, sakemm dina l-Onorabbli Qorti fis-Sentenza tagħha tipprovdi xort'oħra;

“7. Illi in kwantu għad-Digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-1 ta’ Diċembru, 2006, l-eċċipjenti ċertament ma jistax iħallas iktar mis-somma degretata ta’ Lm48 fix-xahar, liema somma qed tiġi mnaqqsa preżentement mill-benefiċċji soċjali, u liema stat ta’ fatt qiegħed jikkawża diffikulta` finanzjarja ulterjuri, u liema somma, jiġi rilevat bl-ikbar rispett għadha eċċessiva fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tenut kont il-mezzi ta’ l-eċċipjenti, *stante* li kif ġie u ser ikompli jiġi debitament ippruvat fil-mori ta’ din il-kawża, huwa ma jaħdimx u qiegħed bir-*relief*. Huwa fil-fatt għal każijiet bħal dan li l-Liġi nostrali tipprovdi li l-manteniment jiġi likwidat skond il-ħtiġijiet ta’ min jitlob, temperat bil-mezzi ta’ min irid iħallas, u għaldaqstant jaf ikun hemm lok għal reviżjoni ulterjuri tal-manteniment viġenti;

“8. Illi jiġi rilevat bir-rispett illi mill-istess mezzi li huwa mistenni li jipprovdi għall-manteniment tal-minuri *de quo*, huwa għandu wild ieħor li jrid imantni wkoll, u għaldaqstant il-manteniment kif preżentement iffissat huwa għal dan ir-raġuni wkoll eċċessiv fiċ-ċirkostanzi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familija) fl-10 ta’ Ottubru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi;

“.........tilqa’ t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi *in linea* ta’ arretrati tal-manteniment għall-minuri msemmi mid-data tat-twelid sa Diċembru 2006 is-somma ta’ tlett elef, sitt mija, disgħa u tmenin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3,689.73), u b’effett mill-1 ta’ Ottubru, 2008 is-somma ta’ mitejn Euro (€200) fix-xahar, *rebus sic standibus.*

“L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-attriċi qed titlob il-ħlas ta’ manteniment għall-minuri li twieled minn relazzjoni li kellha mal-konvenut. L-oġġezzjoni prinċipali tal-konvenut hija li huwa ma jaħdimx u allura mhuwiex f’pożizzjoni li jħallas manteniment kif qed titlob l-attriċi.

"Il-Qorti tħoss li din il-kawża twalet bla bżonn għaliex setgħet intemmet ferm qabel. Dan ma ġarax għaliex il-partijiet ħassew il-ħtieġa li jressqu diversi provi; l-attriċi biex turi li l-konvenut fil-verita` jmexxi negozju mhux reġistrat uffiċjalment u l-konvenut biex jirribatti dan.

"Il-Qorti konvinta li l-konvenut għandu introjtu mhux uffiċjali għaliex altrimenti wieħed ma jispjegax kif huwa daħal għal self mill-Bank (Bank of Valletta) biex jixtri dar bl-għajnuna tas-sussidju ta' l-Awtorita` tad-Djar u self ieħor biex jixtri karozza.  Xtara wkoll garaxx mingħand l-Awtorita` tad-djar fis-sena 2002.  Persuna li tgħix bil-benefiċċji soċjali ma tistax tidħol għal dawn il-pizijiet, u għalhekk il-Qorti ma tarax għaliex il-konvenut għandu jiġi meħlus mill-obbligu tiegħu li jmantni lill-minuri, liema obbligu joħroġ evidentement mill-Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili – ara s-sentenza <u>Micallef vs Scotto</u> mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.  Lanqas ma hija skuża għall-konvenut li għandu ulied oħra x'imantni minn relazzjoni sussegwenti.  L-ulied huma kollha xorta u f'kull każ ladarba ġab l-ulied fid-dinja huwa obbligu tiegħu u ta' l-omm li jmantnihom.  Barra minn hekk l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu jipprexxindi jekk il-ġenitur jaħdimx jew le – ara s-sentenza <u>Lea Tabone vs Jesmond Tabone</u> deċiża fit-2 ta' Ottubru, 2003.

"Il-Qorti taqbel ukoll li l-konvenut għandu jmantni lit-tifel minuri mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar li l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija – salv preskrizzjonijiet li f'dan il-każ m'hemmx. Fil-fatt hija *gia`* tat digriet li permezz tiegħu ordnat il-ħlas ta' tmienja u erbgħin Lira Maltin (Lm48) fix-xahar f'Diċembru 2006, u biex ma toħloqx konfużjoni ser tordna li l-konvenut iħallas dan l-ammont b'effett mid-data tat-twelid sal-lum, u cioe` minn Marzu 2004. Il-konvenut jidher li ħallas il-manteniment minn dak iż-żmien sal-lum, u għalhekk jibqagħlu l-bilanċ minn Marzu 2004 sa Diċembru 2006 – tlieta u tletin xahar, u għalhekk b'kollox elf, ħames mija u erbgħa u tmenin Lira Maltin (Lm1,584) jew tlett elef, sitt mija, disgħa u tmenin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3,689.73).

"Kwantu għall-futur il-Qorti ser tordna ħlas ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar – **naturalment dejjem *rebus sic standibus*.**"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Elvin Magri li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha;
".........thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-10 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellanti, tichad it-talbiet attrici in kwantu ghall-manteniment retroattiv, u tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-esponenti gie ordnat ihallas is-somma ta' €200 mensili *in linea* ta' manteniment billi minflok tordna li jithallas ammont aktar ragjonevoli, gust, u ekwu, tenut kont tac-cirkostanzi ta' l-esponenti obbligat li jghajjex kemm lilu nnifsu u ibnu l-iehor Kyle, kif ukol il-bzonn tal-minuri A.B. li ghandu jigi mantnut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat "

Rat ir-risposta tal-appell ta' Romina Xerri proprio et nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;
Illi l-partijiet f'din il-kawza m'humiex mizzewga, izda kellhom tifel flimkien li twieled fis-7 ta' Marzu, 2004, u trabba minn ommu l-attrici. It-tifel gie registrat bhala iben missier mhux maghruf. Pero`, b'kuntratt tat-8 ta' Marzu, 2006, il-konvenut irrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu. Il-partijiet ippruvaw jaslu f'arrangament dwar l-access ghat-tifel da parti tal-konvenut u hlas ta' manteniment mill-istess konvenut bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghat-trobbija tal-istess minuri. Peress li ma ntlahaqx qbil dwar il-

manteniment, l-attrici fethet din il-kawza biex tinghata lura parti mill-ispejjez li nefqet fuq it-tifel tul iz-zmien li fih il-konvenut ma kienx rikonoxxut bhala missier it-tarbija, u biex tigi ffissata r-rata ta' manteniment li l-istess konvenut ghandu jhallas bhala manteniment ghal ibnu.

L-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €3,689.73 ghall-darba biss bhala kontribuzzjoni tieghu ghall-ispejjez inkorsi mill-omm ghat-tifel fil-passat, u sabiex jibda' jhallas b'mod regolari s-somma ta' €200 fix-xahar bhala sehem ghat-trobbija tat-tifel.

Il-konvenut appella ghax iqis li dawn il-figuri huma gholjin wisq; hu jaqbel li ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel, pero`, jargumenta illi peress li jinsab disokkupat, m'ghandux ihallas is-sommom indikati mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrati l-aggravji, l-Qorti tara li sa mit-twelid tat-tifel, ma kienx hemm dubju dwar il-paternita` tat-tifel, pero` milli jidher, ghall-bidu l-konvenut ma riedx li jkollu x'jaqsam mat-trobbija tal-minuri, u l-omm, li kellha u ghad ghandha impieg fiss, accettat li tahseb hi f'kollox ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-manteniment u trobbija tat-tifel.  Sentejn fuq it-twelid, il-konvenut accetta li jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu u beda billi irrkonoxxa lit-tifel bhala ibnu.

Din il-Qorti tqis li omm it-tifel ghamlet sagrificcji kbar biex tul dawk is-sentejn tiehu hsieb waheda ghall-bzonnijiet tal-minuri, u issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel.  Din il-Qorti, fil-kawza **Grech v. Magri**, deciza fl-20 ta' Dicembru, 1946, kienet ghamlet din l-osservazzjoni fuq l-obbligu tal-missier li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid tat-tarbija:

"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa *"quod omnes"*,

jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 *et seq* (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."

Il-konvenut jghid li hu kien ghadda Lm900 lill-attrici biex jghina fit-trobbija tat-tifel. L-attrici taqbel li rceviet din is-somma, pero` bir-ragun targumenta li ghal aktar minn sentejn shah it-trobbija tat-tifel kien esklusivament responsabbilita` taghha u hi harget hafna aktar flus minn hekk. L-ewwel Qorti irrikonoxxiet dan, u irrikonoxxiet ukoll il-hlas li ghamel il-konvenut, tant li qieset li l-konvenut ghandu jhallas arretrati fuq bazi ta' Lm48 (jew €111.81) fix-xahar biss, somma li l-konvenut beda jhallas minn Dicembru, 2006 wara ordni maghmula mill-ewwel Qorti waqt is-smigh ta' din il-kawza. Wara li qieset li l-konvenut beda jhallas Lm48 fix-xahar minn Dicembru 2006 ordnatlu jhallas bl-istess rata mit-twelid tat-tifel sa Dicembru 2006. Meta tqis li, ghall-ewwel sentejn u disa' xhur mit-twelid, il-htigijiet tat-tarbija jkunu kbar hafna, kontribuzzjoni ta' €3,689.73, piu` d-Lm900 jew (€2,096.44) li hallas minn rajh, zgur ma tistax titqies somma esagerata jew irragjonevoli. Il-konvenut gab tarbija fid-dinja, li minn hawn u minn hemm, irid jara hu kif, flimkien ma' l-omm, se jaghtiha l-ahjar trobbija. L-omm diga` ghamlet il-parti taghha, u issa sta ghall-missier jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu u jhallas sehemu. Tul dawk is-sentejn u disa' xhur, l-omm ma hadet ebda ghajnuna mill-Gvern, u dana peress li hi kienet qed tahdem, u refghat il-piz kollu wahedha bl-ghajnuna tal-genituri taghha; issa l-missier irid jirrifondi parti mill-ispiza sabiex hu wkoll ikun ghamel il-parti tieghu. Kontribuzzjoni li hi ekwivalenti ghall-madwar €175 fix-xahar zgur li ma tistax tigi mnaqqsa.

Ghar-rigward il-manteniment futur, anke hawn din il-Qorti tara li rata ta' €200 fix-xahar ma tistax titqies esagerata. Il-konvenut argumenta li hu ma jahdimx u li l-ewwel Qorti ma mmotivatx id-decizjoni taghha. Din il-Qorti, fl-ewwel lok, tirribadixxi l-prinicipji li hu obbligu impost fuq iz-zewg

genituri li jokkontribwixxu ghall-manteniment ta' uliedhom, u sta ghalihom li jaghmlu dan mill-ahjar li jistghu b'dan li l-fatt li genitur ikun disokkupat mhix skuza biex dak li jkun jahrab minn dan l-obbligu. Fit-tieni lok, din il-Qorti tara li, ghalkemm il-konvenut huwa ufficjalment registrat bhala disokkupat, f'dawn l-ahhar snin fetah hanut bil-*business* tieghu taht l-isem ta' "Elsign Design" (il-konvenut huwa *designer*), ha *business overdraft* minghand il-Bank of Valletta plc li rnexxielu jissalda f'qasir zmien, ha dar fuq ismu wara li ha zewg *house loans* ta' Lm15,000 u Lm10,000 rispettivament, ghandu erba' karozzi u dghajsa registrati fuq ismu, siefer darbtejn jew tlieta u, di piu, gab tifel iehor fid-dinja ma' terza persuna. Kellu wkoll flus f'Dollari Amerikani (madwar US $8,000) iddepozitati f'bank lokali li irtira f'Marzu tal-2005 – u dan oltre s-somma ta' madwar €3,500 li l-konvenut jiehu mill-Gvern kull sena bhala ghajnuna ghall-qaghad! Jidher li l-konvenut jaf kif jiehu hsieb lilu nnifsu, u issa hemm bzonn jibda jiehu hsieb lill-ibnu jekk hemm bzonn anke billi jiehu self ghal dan l-iskop.

Meta tqies il-bzonnijiet dejjem jizdiedu tal-minuri, u l-piz li hadet fuq spallejha l-attrici biex trabbi lit-tifel kwazi wahedha, u meta qieset ukoll l-attivita` kummercjali li, b'xi mod, qed imexxi l-konvenut, tara li kontribuzzjoni ta' €200 fix-xahar kif stabbilit l-ewwel Qorti hija wahda gusta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------